## Kulleġġ San Tumas More

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

# MALTI (FEHIM MILL-QARI)

**Is-Sitt Sena** **Frar 2015** **Ħin: 60 minuta**

**Isem:** ________________________________ **Total ta' marki:**

**Klassi:**________________________________

**L-ewwel taqsima** **10 marki**

**Aqra dan l-avviż u wara aħdem l-eżerċizzji.**

# Xadina makakka!



Nixtiequ navżaw lill-pubbliku li nhar is-Sibt li għadda, ftit wara li sebaħ, wieħed mill-ħaddiema taż-żu sab gaġġa miftuħa. Fiha kienet qed tinżamm l-iktar xadina brava li kien hemm fiż-żu. Ix-xadina, bl-isem ta' Ċika, kellha tnax-il sena u kienet tħobb tilgħab biz-zkuk. Iżda ħadd ma basar x'kienet se tagħmel bihom. Ċika bniet sellum tal-injam miz-zkuk li kellha fil-gaġġa u użatu biex taqbeż il-ħajt! Il-ħaddiema baqgħu skantati meta raw il-filmat li nġibed fuq il-kamera taż-żu. Għalhekk, jekk tinstab xadina miexja b'sellum, ċemplu liż-żu fuq 21987654. Grazzi.

**<u>Taħriġ A</u>: VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX?** **(4 marki)**

1. Il-gaġġa nstabet miftuħa tard filgħaxija. __________________

2. Ix-xadina kienet sewda u żgħira. __________________

3. Ċika kienet intelliġenti. __________________

4. Ħadd ma ried jemmen x'għamlet ix-xadina. __________________

**<u>Taħriġ B</u>: Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.** **(4 marki)**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| **1** | Il-gaġġa nstabet miftuħa | | tilgħab biz-zkuk. |
| **2** | Ċika l-hena tagħha | | mill-filmat. |
| **3** | Hija bniet sellum | | bis-sellum f'idha. |
| **4** | Il-ħaddiema ndunaw x'ġara | **1** | s-Sibt li għadda. |
| **5** | Ix-xadina ħarbet | | miz-zkuk li ħażnet fil-gaġġa. |

**<u>Taħriġ Ċ</u>: Imla l-vojt b'kelma waħda mis-silta.** **(2 marki)**

1. Ċika kienet _____________ għax ħaddmet moħħha biex taħrab.

2. Is-sidien taż-żu jittamaw li x-xadina _____________.



**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

## IL-KTIEB TAL-KERA

### *L-Ewwel Parti*



Kien is-Sibt filgħodu u Betta kienet qiegħda tgħin lill-mama` tagħmel xi ftit faċendi. F'ħin minnhom it-tifla resqet tfarfar is-sett tat-televixin. "Dan in-notebook x'inhu mama`?" staqsiet lil ommha hekk kif lemħet ktejjeb roża donnu pitazz żgħir. *(par.1)*

"Dak mhux notebook" weġbitha l-mama`. "Dak il-ktieb tal-kera. Għandha tiġi waħda mara għalih. Ħallejtu hemm biex meta tiġi nsibu mill-ewwel. *(par.2)*

Betta ma fehmitx. "Imma l-ktieb tal-kera x'ikun?"staqsiet waqt li fetħet il-ktejjeb biex tipprova tara x'kien fih miktub. "U dik il-mara għaliex se tiġi titlobulek?" *(par.3)*

Il-mama` spjegatilha li kellhom garaxx li bdew jikruh lil waħda mara u talli jħalluha tużah kienet ittihom il-flus. "Dawk il-flus jissejħu l-flus tal-kera" qalet il-mama`. Wara li kienet iġġib il-flus il-papa` kien jikteb fuq il-ktejjeb li kien irċevihom. *(par.4)*

**A. Aqta' linja taħt il-frażi t-tajba.** **(7 marki)**



1. Betta kienet qiegħda tgħin lill-mama`

(i) taħsel l-art

(ii) tiknes

(iii) tfarfar

2. Il-ktejjeb li rat fuq is-sett tat-televixin kien

(i) ktejjeb tal-indirizzi

(ii) ktejjeb tal-irċevuti ta' kiri

(iii) ktejjeb tal-iskola ta' Betta

3. Il-mara kienet ittihom il-flus biex

(i) tagħmel użu mill-garaxx tal-familja ta' Betta

(ii) tagħtihom rigal

(iii) tixtri l-kotba mingħand il-familja ta' Betta

4. Wara li kien jirċievi l-flus mingħand dik il-mara, il-papa` kien

(i) ibigħ il-garaxx

(ii) jagħmel festin

(iii) jikteb fil-ktejjeb li ħallsitu

5. **Aqta' linja taħt l-aġġettivi f'din is-sentenza.**

"...staqsiet lil ommha hekk kif lemħet ktejjeb roża donnu pitazz żgħir."

6. **Aqta' linja taħt it-tajba.**

Il-mara kienet tagħti l-flus ( lil, lill-, lil- ) ġenituri ta' Betta.

**Kompli aqra l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

## IL-KTIEB TAL-KERA

### *It-Tieni Parti*



Għall-ħabta tal-għaxra ċempel il-bieb u Betta marret tiftaħ hi. Tistenna wara l-bieb kien hemm Vivien. It-tifla ħadet qatgħa għax meta darba marret taqdi lill-mama` mingħand l-ispiżjar għal naqra ma waqgħetx u korriet u din Vivien tgħidx kemm kienet daħqet biha u ġiegħlitha tistħi. Dakinhar Betta tgħidx kemm kienet irrabjat imma ma kienet qalet xejn. Naħseb li ġiet tiskuża ruħha ħasbet Betta meta bdiet tgħaddilha s-sorpriża. Iżda kienet marret żmerċ għax dik il-mara ma damitx ma nfexxet tfaqqa' d-daħq għad-dehra ta' wiċċ Betta. *(par 5.)*

"Mela int hawn toqgħod, *Funny Face*?" staqsietha mbagħad bla ma stenniet tweġiba. "Għid lill-mama` li ġejt għall-ktieb tal-kera." U reġgħet bdiet tidħaq waħidha. *(par.6)*

"Mela din hi l-famuża Vivien li kriet il-garaxx tagħna. Prosit għaliha ħej!...Mhux biss qagħdet tidħaq bija d-darba l-oħra talli ġiet tkompli tidħaq bija llum!" ħasbet Betta. *(par.7)*

"Smajtni x'għidtlek, *Funny Face*?" reġgħet Vivien bit-tustaġni kollha meta rat li Betta baqgħet ċassa fuq l-għatba. "Għid lill-mama` li ġejt għall-ktieb tal-kera." *(par 8)*

Betta ma felħithiex aktar. Bla ma tħarrket minn fuq l-għatba għajtet b'ħanġra daqsiex, "Ma!...Hawn dik il-mara l-kerha… Ġiet għall-ktieb!" U tant għajtet li semgħetha mhux biss il-mama` minn ġewwa, imma wkoll xi nies li kienu għaddejjin fit-triq! *(par.9)*

*(Silta addatta mill-ktieb* Betta Ġġibha Żewġ *ta' Carmel G. Cauchi)*

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:** **(7 marki)**

1. Għalfejn Betta ħadet qatgħa meta rat lil Vivien? *(par.5)*

________________________________________________

________________________________________________

2. X'ħasbet Betta li ġiet tagħmel Vivien meta għaddietilha l-qatgħa? (par. 5)

________________________________________________

________________________________________________

3. X'għamlet Betta biex tpattiha lil Vivien? *(par. 9)*

________________________________________________

________________________________________________

4. **Għid għal min qed jirreferu.**

***Eżempju:*** tgħidx kemm kienet daħqet bi**ha** *(par. 4)* – **ha** tirreferi għal **Betta**

(a) ġiet tiskuża ruħ**ha** *(par. 5)* **-ha** tirreferi għal ______________________

(b) tant għajtet li semgħet**ha** *(par. 9)*. **-ha** tirreferi għal ______________________

5. **Agħti l-plural ta':**

tweġiba (par.6) ______________________



6. **Aqleb il-verb ta' din is-sentenza fin-negattiv.**

It-tifla ħadet qatgħa. ______________________

**Ċ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq is-silta kollha: (6 marki)**

1. Immarka (✓) it-tweġiba t-tajba.

Din hi storja

_____ fattwali

_____ umoristika

_____ biografija

2. Betta kienet irrabjata minħabba żewġ raġunijiet. Semmi waħda minnhom.

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Taħseb li Betta kienet verament fehmet x'kien l-użu tal-ktejjeb tal-kera? Kif taf?

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Kompli dan il-proverbju: "Il-ftira (sħuna / fietla / kiesħa) tajba."

**TMIEM IL-KARTA**